32002E0211

AZZJONI KONGUNTA TAL-KUNSILL
tal-11 ta' Marzu 2002
dwar il-ħatra tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE fil-Bosnja- Ħerżegovina

(2002/211/PESK)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 14 and l-Artikolu 18(5),

Billi:

(1) Fit-18 Frar 2002, il-Kunsill esprima x-xewqa tiegħu li jaħtar bħala Rappreżentant Speċjali ta' l-UE fil-Bosnja-Ħerżegovina l-futur Rappreżentant Għoli tal-Bosnja-Ħerżegovina. B'dan il-mod, l-UE għandha l-intenzjoni li titrasmetti l-messaġġ illi l-futur tal-Bosnja-Ħerżegovina jinsab fl-integrazzjoni tagħhom ġo l-istrutturi Ewropej, ibbażata fuq l-iżvilupp tal-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni.

(2) Fit-28 ta'Frar 2002 il-Kumitat li jidderiġi l-Kunsill għall-Implimentazzjoni tal-Paċi ħa nota ta' l-intenzjoni ta' l-UE illi taħtar il-futur Rappreżentant Għoli bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE fil-Bosnja-Ħerżegovina.

(3) Fil-11 ta' Marzu 2002, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea [1], fejn l-Artikolu 6 jgħid illi l-Kunsill għandu jaħtar Rappreżentant Speċjali ta' l-UE fil-Bosnja-Ħerżegovina,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

Lord Ashdown qiegħed jiġi maħtur bħala Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) fil-Bosnja-Ħerżegovina.

Artikolu 2

1. Ir-rwol tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea bl-ebda mod ma għandu jippreġudika l-mandat tar-Rappreżentant Għoli tal-Bosnja-Ħerżegovina, inkluż ir-rwol tiegħu ta' kordinatur fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' l-organizzazzjonijiet u l-agenziji ċivili mniżżlin fil-Ftehim tal-Paċi ta' Dayton/Paris u fil-konklużjonijiet u d-dikjarazzjonijiet sussegwenti tal-"Peace Implementation Council".

2. Huwa għandu jsegwi l-attivitajiet kollha fl-oqsma ta' l-Istat tad-Dritt u għandu jagħti l-pariri lis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Speċjali u lill-Kunsill f'dan il-kuntest skond il-bżonn.

3. Bħala parti mir-responsabilitajiet aktar wiesgħa tiegħu, r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għandu l-awtorità li jagħti dawk id-direzzjonijiet meħtieġa lill-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

L-EUSR għandu jirrapporta lill-Kunsil permezz tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli.

Artikolu 4

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ nhar it-3 ta' Ġunju 2002.

Artikolu 5

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, fil-11 ta' Marzu 2002.

Għall-Kunsill

Il-President

J. PIQUÉ I CAMPS

---

[1] Ara paġna 1 tal-Ġurnal Uffiċjali